MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru 1334/2006

(Spettur Kevin Borg)

Vs

Alexia Cross

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 316279(M), akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fil-perjodu ta’ bejn 1 ta’ Awwissu 2006 u il-15 ta’ Dicembru 2006, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkomettiet serq ta’ cekk bin-numbru 5412 tal-Bank of Valletta plc, ghad-detriment ta’ Mark Cassar detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 540261(M);

2. Ikkommettiet serq ta' cekk bin-numru 745 numru tal-kont 10837130014, cekk tal-HSBC, ghad-detriment ta' Hilary Francis Attard detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 810357(M);

3. Ikkommettiet serq ta' deheb li jippartjenu lil Antonio Abela detentur tal-karta' ta' l-identita' bin-numru 387340(M);

4. Iffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu ipprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubblikku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Hilary Francis Attard detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 810357(M), fuq cekk tal-APS bin-numru 745 numru tal-kont 10837130014 u alterazzjoni fuq cekk tal-APS bin-numru 724 li jippartjeni lil istess Hilary Francis Attard – dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

5. Xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fil-imputazzjoni (4) – dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Hilary Francis Attard detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 810357(M), fuq cekk tal-APS bin-numru 745 numru tal-kont 10837130014 u alterazzjoni fuq cekk tal-APS bin-numru 724 li jippartjeni lil istess Hilary Francis Attard –

dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, imsemmija fl-imputazzjoni (6);

8. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki folz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha ta’ haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm1,000 bi hsara Mark Cassar detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 540261(M); Hilary Francis Attard detentur tal-karta ta’ l-dentita’ bin-numru 810357(M); Antonio Abela detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 387340(M) u persuni ohra – dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Xjentament leqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet jew bihhet jew mexxiethom – dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insistiet anka wara li l-Qorti tghata zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata jiltrattaw serq ta’ deheb u zewg cekkijiet u l-falsifikazzjoni u l-uzu xjenti taghhom, oltre li akkuzata bi truffa u ricettazzjoni.

L-akkuzi jirrisultaw stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata. L-akkuzi jirrisultaw kollha hlief ghar-ricettazzjoni li hi akkuza alternattiva ghal dik tas-serq.

Illi fir-rigward is-serq l-akkuza ma ssemix aggravji. Ghaldaqstant, rat l-Artikolu 26, 167(1), 169, 183, 308, 309, 310, 18, 17 tal-Kap 9, tiddecidi wara li kkunsidrat l-fedina penali netta taghha, li tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------